MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ALBERT J. MAGRI

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 493/1997/1

Charles Buttigieg, Doris Debono f'isimha proprju u bhala prokuratrici tal-assenti Salvino Buttigieg, Freddie Gravina u Maria Buttigieg u b'degriet tat-3 ta' April 1998 Rita Mifsud giet nkluza bhala wahda mill-atturi
vs
Yvonne Formosa, Dione Zahra u Carmen Zammit

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni attrici presentata fil-5 ta' Marzu, 1997 li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew illi fit-12 ta' Mejju, 1942 mietet Carmela Buttigieg u fis-6 ta' April, 1950 miet Francesco Buttigieg, in-nanniet tal-kontendenti, kif jirrizulta mill-anness certifikati tal-mewt (Dok A u B) u dawn mietu bla testment; illi l-kontendenti huma l-eredi tal-mejtin Karmena u Francis konjugi Buttigieg, kif jirrizulta mill-anness arblu tar-razza (Dok C); illi l-assi kollha ereditarji tal-mejtin konjugi Buttigieg, li jikkonsistu f'effetti mobbli, qatt ma nqasmu u jinsabu fil-pussess effettiv tal-

konvenuti; illi l-konvenuti, ghalkemm debitament interpellati biex jersqu ghad-divizjoni ta' dawn l-assi baqghu inadempjenti; talbu li din il-Qorti:-

1. tillikwida l-assi ereditarji kollha ta'l-imsemmija Karmena u Francis konjugi Buttigieg, taqsam l-assi ta' l-imsemmija Karmen u Francis konjugi Buttigieg f'hames partijiet ugwali u tassenja parti lill-attur Freddie Gravina, parti ohra lill-atturi Carmen Zammit, Dione Zahra u Yvonne Formosa, parti ohra lil Maria Buttigieg, parti ohra lil Charlie Buttigieg u Doris Debono, u parti ohra lil Salvinu Buttigieg.

Bl-ispejjes u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xiehda u d-dokumenti ezebiti mill-atturi.

Rat in-nota tal-konvenuti presentata fid-9 ta' Frar 1998 li permezz taghha eccepew:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante li huma m'ghandhomx fil-pussess taghhom l-assi ereditarji tal-mejtin konjugi Buttigieg indikati fic-citazzjoni.
2. Illi, jekk jezistu xi assi tal-imsemmija mejtin konjugi Buttigieg, dawn qeghdin fil-pussess ta' l-atturi jew ta' xi uhud minnhom.
3. Illi, fi kwalunkwe kaz, l-imsemmija mejtin konjugi Buttigieg ilhom mejtin ghal iktar minn erbghin sena, u ghalhekk l-azjoni odjerna hija preskritta b'kull tip ta' preskrizzjoni.
4. Illi, ghalhekk l-istess talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-10 ta' Marzu, 1998 ta' din il-Qorti diversament presjeduta meta l-kawza giet mibghuta quddiem din il-Qorti ghas-seduta tal-24 ta' April, 1998 sabiex tigi trattata u deciza.

Rat id-digriet taghha tat-18 ta' Novembru, 1998 meta giet mahtura Dr. Maria Dolores Gauci bhala assistent gudizzjarju sabiex tkompli tigbor il-provi tal-partijiet.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Gunju, 2002 meta l-kawza kien giet imhollija ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni bil-fakolta' tan-noti tal-kontendenti.

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet tal-kontendenti.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Din is-sentenza hija limitata ghall-konsiderazzjoni tat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u cioe dik ta' preskrizzjoni. In effetti t-tielet eccezzjoni tal-konvenuti tghid hekk:

"*Illi, fi kwalunkwe kaz, l-imsemmija mejtin konjugi Buttigieg ilhom mejtin ghal iktar minn erbghin sena u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija preskritta b'kull tip ta' preskrizzjoni."*

Din l-eccezzjoni ma tindikax liema preskrizzjoni qed tigi sollevata u ghalhekk proprjament din il-Qorti ma ghandhiex tikkunsidraha biss jirrizulta li b'nota tal-14 ta' Mejju, 1999 il-konvenuti indikaw, ghalkemm skorrettament, liema artikolu tal-ligi kienu qed jirriferu in sostenn tal-eccezzjoni taghhom. Fl-imsemmija nota jinghad espressament hekk: "*Li biha senjatament ghan-nota ta' eccezzjonijiet minnhom prezentata u precizament ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni, din qeghda tigi invokata ai termini tal-artikolu 895 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*"

Jidher li r-riferenza ghall-artikolu hija zbaljata nkwantu l-artikolu citat jitkellem dwar il-garanzija li ghandu jaghti il-werriet bil-beneficcju ta' l-inventarju u fih ma insibu xejn dwar preskrizzjoni tal-azzjoni hekk maghrufa bhala "petitio haereditatis". Dan l-izball izda mhux wiehed serju billi in effetti l-artikolu relevanti u li jikkoncerna azzjoni simili ghal dik proposta mill-atturi huwa l-Artikolu 845 li jghid li "*L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li l-ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjoni b'testment kemm*

*ukoll f'dawk* ab intestato, *tispicca bl-eghuq ta'ghaxar snin mill-ftuh tas-successjoni.*"

Ikkunsidrat:-

Illi mhux kkontestat, anzi jirrizulta b'mod car, li minn meta infethet is-successjoni tal-konjugi Francesco u Carmela Buttigieg sad-data li giet istitwita din il-kawza ghadda zmien twil hafna, ferm itwal mill-ghaxar snin li jissemmew fl-artikolu fuq citat.

Il-gurisprudenza in materja hija wahda kostanti fejn dejjem gie ritenut li din il-preskrizzjoni hija wahda akkwizitiva u ghalhekk jrid jirrizulta mhux biss l-element passiv taz-zmien izda ukoll l-element attiv tal-pussess. Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar, 1954 fil-kawza Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et (Vol XXXVIII p. 21) wara li rribadiet dan il-principju kompliet hekk: "*Dan il-pussess irid ikun mhux semplicement kazwali, izda irid ikun pussess formali, igifieri kapaci li jiggenera u jikkostitwixxi d-dritt tal-proprjeta`. Konsewgentement dak il-pussess ghandu jkun reali, u mhux bizzejjed il-pussess 'di diritto'."* Dan il-pussess, tkompli l-imsemmija sentenza jrid ikun "*kontinwu, mhux interrot, pacifiku, publiku, u mhux ekwivoku, ghaz-zmien kollu li tghid il-ligi, kif ukoll 'animo domini. Dan il-pussess ghandu jigi pruvat b'mod infrangibbli, tant ghar-rigward tal-fatt tal-pussess fih innifsu, kemm ukoll tal-kwalitajiet jew karattri li jrid jkollu l-pussess; u din il-prova tinkombi lil min jallega l-preskrizzjoni.*"

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenuti, bhala ulied ta' wahda mit-tfal ta' Francesco u Carmela Buttigieg, trabbew fid-dar gja residenza tal-imsemmija konjugi Buttigieg fejn ukoll kienet tabita ommhom flimkien ma zewgha. L-atturi jghidu li l-ghamara u effetti mobili appartenenti lill-wirt tal-imsemmija konjugi Buttigieg kienu jinsabu gewwa zewgt ikmamar fl-imsemmija dar u dawn kien inzammu hemm pendenti r-ritorn ta' wiehed mill-eredi u cioe Salvinu Buttigieg li kien jabita l-Ingilterra. Dan il-fatt qatt ma gie michuda mill-konvenuti. Daqstant l-istess konvenuti qatt ma cahdu li kienet saret laqa' tal-familja meta dan Salvinu

Buttigieg gie Malta u li, kif jghidu l-atturi, f'dik l-okkazzjoni l-persuni kollha, hlief xi wiehed, li attendew ghal din il-laqa' kienu ittiehdu fir-residenza tal-konvenuta Yvonne Formosa biex dawn jaraw l-effetti mobbli li kien hemm tal-wirt. Din il-Qorti tistaqsi x'kienet ir-raguni li l-partijiet interessat ittiehdu fid-dar ta' Yvonne Formosa biex jaraw l-effetti mobbli jekk mhux biex jigi stabbilit l-konsistenza taghhom u jsir ftehim dwar il-qsim.

Mill-assjem tal-provi din il-qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni li l-eccezzjoni sollevata mill-konvenuti ghandha tigi akkolta u dan billi jidher li ghalkemm l-istess konvenuti, ossia Yvonne Formosa, kellha l-pussess tal-oggetti formanti parti mill-wirt tal-konjugi Buttigieg hija kienet qed izomm dawn l-istess oggetti mhux "animo domini" izda fl-interess tal-eredi kollha sal eventwali qasma. Infatti jidher ukoll li din il-qasma ma sehhitx mhux ghax ma kienx hemm qbil dwar dak li kellu jinqasam izda billi kien hemm xi disgwid dwar xi deheb li kien tqassam minn Francesco Buttigieg wara l-mewt ta' martu Carmela.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija tichad l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti bl-ispejjes ta' dan l-incident ghall-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------